Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 1126/1997/1

Adelaide Muscat
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995, u b’mod aktar preciz matul l-1987 ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi garrbet transfers minghajr l-ebda gustifikazzjoni u inoltre giet michuda minn promozzjoni ghall-grad ta’ Supervisor bla ebda raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-
Ir-rikorrenti kienet ilha tahdem mal-Gvern mill-1976, u kienet ilha fil-grad ta’ Telephone Operator mill-1981. Qabel inghatat l-ewwel transfer fl-1987 hija kienet tahdem fil-“Housing Division.”

Fil-11 ta' Mejju, 1987 ir-rikorrenti nghatat struzzjonijiet biex tirrapporta fl-ufficcju tad-Drainage Section fil-Gzira. Hija waqghet f'depression u spiccat on sick leave u sadanittant inghad lilha li ghandha tibqa' fil-Housing Division ma taghmel xejn. Fl-20 ta' Mejju, 1987 ir-rikorrenti giet diretta biex tirrapporta fil-Marine Section. Fit-23 ta' Settembru, 1987 hija giet trasferita ghall-Garage Section f'Hal Kirkop.

Illi r-rikorrenti applikat aktar minn darba ghall-grad ta' supervisor. Ghalkemm hija kellha s-seniority u l-esperjenza rikjesti, giet michuda minn din il-promozzjoni u f'okkazjoni partikolari sahansitra mill-opportunita` li taghmel interview ghall-kisba ta' dan il-grad.

Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda msemmija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom.

Ghalhekk r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li tinghata rimedju billi jigi ordnat li l-istess rikorrenti tithallas kumpens xieraq kif joghgbu jistabbilixxi dan it-Tribunal ghat-telf ta' flus u danni ohrajn li inkorriet ir-rikorrenti b'rizultat tat-transfers imsemmija oltre c-cahda ingustifikata ta' promozzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti giet impjegata bhala Charwoman mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-4 ta' Marzu 1976. Hi lahqet il-grad ta' Telephonist fis-16 ta' Settembru 1981. Fl-1 ta' Jannar 1991 hi giet promossa ghal grad ta' messaggier permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku. Fit-18 ta' Awissu 1996 hi rtirat minhabba l-eta`.

Illi fil-perjodu inkwistjoni, ir-rikorrent giet trasferita kif segwenti :

| | |
|---|---|
| Marine | 20 ta’ Mejju 1987 |
| Kirkop Garage | 23 ta’ Settembru 1987 |
| Distrett Nru. 7 | 20 ta’ Ottubru 1992 |

Illi t-trasferimenti msemmija ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza indebita lir-rikorrent u ma kienux il-frott ta’ agir oppressiv, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta’ l-impjegati fis-settur pubbliku.

Illi r-rikorrenti applikat ghall-grad ta’ Supervisor fuq Sejha Nru. 37/92 datata 5 ta’ Mejju 1992 u nghatat in-numru 746 bhala numru ta’ referenza.

Illi din is-sejha twaqqfet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-Riforma u abbazi hadd ma’ attenda ghal xi forma ta’ interview.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi gie prezentat affidavit tar-rikorrenti li fih ikkonfermat il-kontenut tar-rikors. Fl-1987 wara l-bidla fil-Gvern, meta marret ghax-xoghol mar fuqha Anthony Aquilina u qalilha biex taqbad hwejjigha u titlaq id-Drainage Section il-Gzira. Hi semmiet li ma kienet ghamlet xejn lil hadd u li ma kenitx sejra ghax ic-Chief taghha kien il-Perit Vince Cassar pero` Anthony Aquilina qalilha li issa hu jikkmanda. Wara marret id-dar bis-sick leave ghax ma felhitx toqghod fuq riglejha u rasha bdiet iddur biha. Cemplet it-tabib tal-Poliklinika u qalilha li telghetilha l-pressjoni u biex tikkalma ghax kellha roghda kbira. Qalet

li hi xebba u tghix wahedha u t-tabib kien ta jumejn sick leave u pilloli Volume 9.

Semmiet li kemm damet mal-Gvern ix-xoghol taghha dejjem ghamlitu u gieli ghamlet xoghol li ma kienx taghha. Sostniet li hi kienet taghmel mhux biss ix-xoghol ta' telephone operator izda kienet taghmel ukoll ix-xoghol ta' cleaner, allavolja l-grad taghha kien ta' telephone operator. Semmiet li Telephone Operators il-Housing kienu 4 u kienu jahdmu f'kamra wahda u hi biss kienet giet trasferita. Fl-20 ta' Mejju 1987 Manwel Cortis qalilha biex tmur il-Marine Section minghajr karta ta' transfer. Meta marret sabet li l-anqas siggu ma kellha u kienet tispicca fis-1.30 p.m., ma kienet taghmel xejn u kienet titla' t-telgha tal-Kurcifiss fejn hi ma kenitx tiflah titlaghha fix-xemx. Semmiet li fit-23 ta' Settembru 1987 trasferewha ghall-Garage ta' Hal Kirkop fejn damet hemm 5 snin u erba' xhur go kamra dejjem diehla x-xita mis-saqaf tant li darba l-apparat tat-telephone xxarrab bl-elettriku u beda hiereg in-nar minnu u hi hadet qata' kbira. Qalet li mardet bl-arthritis u fis-sajf kellha hafna shana. Semmiet li kull gimgha kienet thallas Lm1.50 mini-bus u min kellha jahdem maghha kien jitlaq x'hin irid u hi kienet tahdem ghalih. Qalet li ghal applikat ghal Supervisor fl-1986 u fl-1991 izda ghal tal-1992 ma baghtux ghaliha.

Xehed <u>il-Perit Vincent Cassar</u> Direttur Generali Dipartiment tax-Xogholijiet li semma li lir-rikorrenti jafha u kienet tahdem mieghu fis-70's early 80's meta kien il-Housing fejn kienet tassisti fl-ufficcju kemm bhala telephone operator kif ukoll bhala fattiga. Semma li fl-1987 kienet giet trasferita ghad-Drainage Pumping Section tal-Gzira u dan ma kienx sar bi struzzjonijiet tieghu. Qal li hu kien il-Head ta' dik il-parti u x-xoghol taghha dak iz-zmien kien ghadu bzonnjuz fis-sezzjoni fejn kien hu.

Semma li xi tlett ijiem wara l-elezzjoni certu Tony Aquilina li kien skrivan u li kien jaqa' tahtu kien informa lir-rikorrenti li kienet giet trasferita. Ix-xhud assuma li dan kellu xi instructions minn xi mkien iehor. Ftakar li r-rikorrenti kienet ilmentat u kien sabha tibki. Qal li f'dawk ic-

cirkostanzi hu ma seta' jaghmel xejn u ma deherlux li kien gie xi hadd iehor mid-Drainage Pumping Section minnflokha. Semma li ma jafx li kien hemm rapporti negattivi fuq ir-rikorrenti jew xi xoghol hazin. Hi kienet taghmel nofs ta' nhar maghhom u n-nofs ta' nhar l-iehor mad-dipartiment fuq il-PBX.

Xehed <u>Manuel Cortis</u> fejn semma li ilu fil-Personnel Section mill-1985 u ghamel zmien inkarigat mit-transfers u li lir-rikorrenti ilu jafha zmien. Ftakar li ta lir-rikorrent istruzzjonijiet dwar transfer izda ma ftakarx min kien tah l-istruzzjoni ghat-trasferiment izda hu kien biss messaggier ta' dawk l-istruzzjonijiet. Qal li lill-Perit Vince Cassar ma jiftakrux Head of Department fejn kienet stazzjonata r-rikorrenti u li t-transfer dejjem kien isir bil-miktub u kien jibghat avviz lis-Section Head b'kopja lill-Head of Department rigward ghat-transfer. Semma li fl-1987 kellhom numru ta' Section Heads izda kellhom Direttur wiehed li kien Joe Mizzi. Semma li fuq it-transfers tar-rikorrenti, hu u r-rikorrenti qatt ma tkellmu.

Qal li l-Call for Applications tal-1992 kienet twaqqfet minhabba r-riforma. Semma li fil-file tieghu kellu rapport li kien sar minn Paul Scicluna li huwa studju u indagini li kien ghamel huwa nnifsu fir-rigward ta' l-ilmenti tar-rikorrenti, u dan bhala notamenti relattivi ghall-kaz ta' Adelaide Muscat. Qal li lir-rikorrenti kulhadd kien jafha propju ghax kienet Telephone Operator u qabel Mejju 1987 peress li s-sistema kienet manwali, kull min ried jaghmel telefonata ried jghaddi through her. Semma li hu ilu jaf lir-rikorrenti sa qabel l-ewwel transfer meta mbaghad giet trasferita ghall-marine u l-garage jien ma baqax in kuntatt maghha.

Xehed <u>Anthony Aquililna</u> fejn semma li ghall-habta ta' l-1986/1987 kien Accounts Officer fil-Housing Division, Public Works Department. Lir-rikorrenti jafha bhala Telephone Operator mal-Gvern. Semma li hu qatt ma ta xi struzzjonijiet lir-rikorrenti rigward it-transfer ta' l-1987. Qal li hu telaq mill-Public Works fl-14 ta' Mejju 1987 u r-rikorrent kienet iccaqilqet wara li telaq. Semma li meta kien qed jiddiskuti xi haga mal-impjegati l-ohra sar jaf li r-

rikorrenti kienet qalet transfer u baghtuha il-Gzira Drainage Section.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ilment tar-rikorrenti ghandu zewg aspetti – dak riferibbli ghan-nuqqas tal-promozzjoni u dak riferibbli ghat-transfers. Dawn iridu jigu ezaminati separatament.

A] Fin-***nuqqas ta' Promozzjoni*** ghal grad ta' supervisor r-rikorrenti rriferiet ghal zewg okkazzjonijiet u cioe` dak tal-1986 u dak tal-1991. Dwar dak li gara fl-1986 din tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione temporis.* Infatti fl-artikolu **5** (4) tal-Kap 394 insibu:

"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."

Dwar dak li gara in segwitu tas-sejha 37/92 dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

"Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero` l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha… Ma

giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx l-ilment dwar in-nuqqas ta' promozzjoni gustifikat u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

B] Ir-rikorrenti ilmentat ukoll dwar ***it-transfers.*** Irrizulta li wara li tbiddel il-Gvern fl-1987 ir-rikorrenti hadet tliet transfers u cioe`:

| | |
|---|---|
| Marine | 20 ta' Mejju 1987 |
| Kirkop Garage | 23 ta' Settembru 1987 |
| Distrett Nru. 7 | 20 ta' Ottubru 1992. |

Mid-depozizzjoni tal-Perit Cassar jirrizulta li r-rikorrenti fl-1987 kienet giet trasferita ghad-Drainage Pumping Section tal-Gzira u dan ma kienx sar bi struzzjonijiet tieghu. Qal li hu kien il-Head ta' dik il-parti u x-xoghol taghha dak iz-zmien kien ghadu bzonnjuz fis-sezzjoni fejn kien hu. Semma li ma jafx li kien hemm rapporti negattivi fuq ir-rikorrenti jew xi xoghol hazin.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-intimat hemm li t-trasferimenti msemmija ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza ndebita lir-rikorrent u ma kinux il-frott ta' agir oppressiv, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati fis-settur pubbliku.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta’ titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Issa fil-kaz in ezami ma rrizultax fiex kienu jikkonsistu dawn l-esigenzi tas-servizz ghax hadd ma ta indikazzjoni taghhom. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar transfer gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------